Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 93/2005

Maria Daly

vs

Victor Debrincat, Francesco Debrincat, Martin Debrincat u b'digriet tal-4 ta' Jannar 2006 Dr.Chris Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Rose Grech u bl-istess digriet Dr.Chris Said gie nominat ukoll kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Michelina Debrincat, u bl-istess digriet Dr.Chris Said gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Dimitri Debrincat u bl-istess digriet gie nominat ukoll Dr Chris Said bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Josephine Jain

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghha l-attrici tghid:

Illi l-partijiet kontendenti huma l-werrieta universali ta' missierhom Joseph Debrincat li miet fit-tnejn ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (02.10.1995);

Illi l-imsemmi Joseph Debrincat b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-wiehed u tletin ta' Ottubru elf disa' mija u disghin (31.10.1990) halla lill-attrici b'legat ghas-saldu tas-sehem taghha fuq il-wirt tieghu id-dar fl-Gharb, Ghawdex, fi Triq Dun Alwig Mizzi gja Triq il-Knisja numru tlieta u sebghin (73) li kienet id-dar tar-residenza ta' l-imsemmi Joseph Debrincat, kif soggetta ghall-uzu u uzufrutt favur Cristina Debrincat, armla ta' l-istess Joseph Debrincat;

Illi l-imsemmija Cristina Debrincat mietet fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (19.05.2002);

Illi l-attrici interpellat lill-konvenuti diversi drabi anke permezz ta' ittra tat-tnax ta' Settembru 2005 sabiex jimmittuha fil-pussess ta' l-imsemmi fond permezz ta' kuntratt pubbliku izda mhux kollha accettaw u ghalhekk il-kuntratt opportun ma' setax isir;

Talbet ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti:

1. tiddikjara li huma l-werrieta ta' l-imsemmi Joseph Debrincat;

2. tordnalhom fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss, permezz ta' kuntratt pubbliku jimmittu lill-attrici fil-pussess tal-legat tal-fond fuq indikat;

3. tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun kif ukoll kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Settembru 2005 a karigu tal-konvenuti li qeghdin minn issa stess jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista ta’ dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenut Avukat Dottor Chris Said fil-kwalita’ tieghu ta’ kuratur li permezz taghha eccepixxa:

- illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba;

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet taghha (folio 59) li bih innominat lill-Avukat Dottor Chris Said kuratur deputat sabiex jirrapresenta lill-imsefrin Rose Grech, Michelina Debrincat, Dimitri Debrincat u Josephine Jain fl-atti ta’ din ic-citazzjoni u fl-atti l-ohrajn kollha relattivi u sussegwenti;

Ezaminat il-provi u x-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi fl-isfond tat-talba ta’ l-attrici huwa pertinenti li jigi, qabel xejn, individwat il-legat li jikkostitwixxi l-meritu ta’ din il-kawza. Dan hu redatt fit-termini segwenti fit-testment maghmul *unica charta* mill-genituri ta’ l-attrici, fl-atti tan-Nutar George Paul Pisani, datat 31 ta’ Ottubru 1990 (folio 34 et seq).

It-Tieni Artikolu ta’ l-imsemmi testment jghid:

- “it-testaturi jhallu b’titolu ta’ legat in totali sodisfazzjon ta’ sehemha mill-eredita’ taghhom a favur ta’ binthom Maria mart Denis Daly bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari ta’ uliedha f’kaz ta’ premorjenza ghat-testaturi d-dar ta’ l-abitazzjoni taghhom fin-numru tlieta u sebghin (73) ta’ Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, bil-gjardina

mieghu annessa ta’ kejl ta’ cirka tliet mija u erbgha u sebghin metri kwadri (374mk).

It-testaturi jridu u jordnaw li jekk il-legatarja msemmija jew uliedha jigu biex jittrasferixxu l-imsemmi fond lil terzi huma ghandhom l-ewwel joffruh lil ulied l-ohra tat-testaturi jew lil uliedhom u dawn il-persuni jkunu jistghu jixtru l-imsemmi fond saz-zmien sittin (60) gurnata min-notifika lilhom ta’ ittra gudizzjarja ghal dan l-iskop”

U t-Tielet Artikolu jkompli jipprovdi, illi:

- it-testaturi jassoggettaw il-legat fl-artikolu precedenti ghall-obbligu da parti tal-prelegatarja li terigi a spejjez taghha fondazzjoni ta’ quddies fil-Kurja Veskovili ta’ Ghawdex ta’ zewg quddisiet fis-sena ghar-ruh u skond il-pija intenzjoni tat-testaturi u ta’ Pawlina Debrincat, bint ohra tat-testauri, illum mejta”.

Jirrizulta li l-attrici hija fost wahda minn tmien ulied il-konjugi Giuseppe u Cristina Debrincat, illum mejtin, kif muri mill-att tal-mewt relattiv taghhom, esebit in atti. Huwa wkoll inkontestat illi t-testment li stitwixxa l-legat, fuq imsemmi, dahal fis-sehh hekk kif mietet l-omm li ssopravviviet lil zewgha, li jfisser li l-attrici hija ntitolata llum li titlob l-immissjoni fil-pussess tal-legat minghand il-werrieta. Il-legat in dizamina thalla lill-attrici “in totali sodisfazzjon ta’ sehemha mill-eredita’ taghhom” u l-fatt li l-imsemmija attrici irrinuncjat ghall-wirt ta’ ommha fit-termini ta’ l-Artikolu 860(2) tal-Kap 16 hu rrilevanti ghall-fini ta’ din il-kawza. L-Artikolu 862(2) tal-Kap 16 jipprovdi li r-rinunzja ghall-wirt ma ttellifx il-jedd li jintalab il-legat. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti in atti li l-kundizzjoni marbuta mal-legat ghall-erezzjoni ta’ fondazzjoni ta’ quddies fil-Kurja Veskovili ta’ Ghawdex tinsab sodisfatta.

Stabbilit li m’hemm ebda impediment il-ghala l-attrici m’ghandhiex issa titpogga fil-pussess tal-legat imholli lilha u kkunsidrat l-Artikolu 733 tal-Kap 16 li jipprovdi ghall-ispejjez ghall-kunsinna tal-legat u dan irrispettivament

mid-dikjarazzjonijiet tal-werrieta (esebiti in atti) mil-liema jirrizulta li huma, hadd minnhom eccettwat, m'humiex issa jopponu ghall-imissjoni fil-pussess lill-attrici tal-legat ta' l-immobbli, kif fuq jissemma, il-Qorti sejra ghaldaqstant tghaddi ghad-decizjoni taghha fuq it-talbiet attrici kif infraskritt:

1. billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti fil-persuna ta' Victor, Rosa mart Joseph Grech, Michelina mart Salvu Debrincat, Frangisku, Martinu, Giuseppa mart Dr. Jian u Dimitri, ilkoll ahwa Debrincat, bhala werrieta ta' missierhom Giuseppe Debrincat kif wkoll ta' ommhom Kristina Debrincat nee' Cauchi;

2. billi tilqa' it-tieni talba u tordna lil fuq imsemmija konvenuti li zmien mhux oltre xahar mil-lum imittu lill-attrici fil-pussess tal-legat fuq deskritt;

3. billi tilqa' it-tielet talba u tinnomina lin-Nutar Dr Josianne Cini sabiex tippublika l-att opportun u lill-Avukat Joseph Grech sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att notarili.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------